MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2015

Numru. 75/2015

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Dennis Galea**

Il-Qorti;

Rat l- imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Dennis Galea ta’ 32 sena bin Carmel u Rita nee’ Vella, imwieled Pieta fit-28 t’ Ottubru, 1981, residenti gewwa l-fond Eternal Bliss, Flat 3, Triq Had-Dingli, Rabat u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 593981(M).

Akkuzat talli fl-20 ta’ Jannar, 2015 u/jew xi granet qabel minn gewwa r-residenza Sandy Lee, Triq Haz-Zebbug Rabat, ikkommetta serq ta’ deheb ghad-dannu ta’ Monica Vassallo u Darren Vassallo u/jew ta’ persuna jew persuni ohra w liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f’ kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, tordna illi l-imsemmi Dennis Galea jhallas lil Darren Vassallo u lil Monica Vassallo l-ammont ta’ flus li jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq dan skond l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta’ Jannar, 2015 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-23 ta’ Jannar, 2015 ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li l-aktar piena idoneja tkun wahda karcerarja sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 268, 269 u 280 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah tmintax (18) –il xahar prigunerija li b' applikazzjoni tal-Art. 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum.

Il-Qorti b' applikazzjoni ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Monica u Darren Vassallo s-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1,500).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------